4 Żmien ta' konverżjoni u qsim tal-Kelma

FRAR - MARZU 2023

23–25 ta' Frar: Tlett ijiem ta' formazzjoni dwar l-Omelija lis-saċerdoti kollha tad-Djoċesi, li jittrattaw l-ispiritwalità, il-kontenut u l-mod kif tiġi mwassla l-Kelma.

Issir il-mixja katekumenali fil-parroċċi marbuta strettament mal-Qari tal-Ħdud tar-Randan tas-Sena A.

L-Eżerċizzi fil-parroċċi jiffukaw fuq il-qawwa li l-Kelma għandha li tbiddel il-qlub u li tagħti l-ħajja fejn hemm in-nixfa.

L-irtiri tad-diversi gruppi li jsiru matul iż-żmien tar-

Randan ikunu dwar il-Kelma li tinżera' biex tagħmel il-frott.

Tiġi organizzata forma ta' outreach fid-Djoċesi kollha: il-Kelma titwassal fuq il-postijiet tax-xogħol, fil-ħwienet u l-każini, u fil-periferiji tal-lokalitajiet.

Xi familji jilqgħu saċerdot u/jew koppja, filwaqt li jistiednu nies oħra mit-triq tagħhom biex jiddiskutu flimkien siltiet tal-Iskrittura jew suġġetti oħra dwar il-fidi.

3–5 ta' April: Isiru ċ-Ċelebrazzjonijiet Penitenzjali madwar il-Kelma għad-diversi kategoriji fil-parroċċi.



5 Żmien ta' qtugħ il-frott u ċelebrazzjoni tal-Kelma

APRIL - ĠUNJU 2023

8 ta' April: Fil-Velja tal-Għid tingħata importanza lil-Liturġija tal-Kelma, kif ukoll lit-Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija.

Isir it-Tberik fid-djar. Il-Kappillan jistaqsi lill-familja (jekk ikun il-każ) dwar liema hi s-silta li tħoss importanti għaliha. Issir it-talba tat-Tberik tad-Dar u tal-Familja fuq dik is-silta partikolari.

15 ta' April: Fil-lejl ta' qabel Dominica in Albis, il-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' April, isir Lejl Imdawwal mill-Kelma. Isiru ċelebrazzjonijiet u jindaqqu siltiet mużikali madwar il-Kelma ta' Alla fil-knejjes tal-Belt Victoria.

Possibbiltà ta' wirja fuq l-Iskrittura Mqaddsa.

30 ta' April: F'Jum il-Vokazzjonijiet issir quddiesa għall-kandidati kollha tas-Sagrament tal-Konfirmazzjoni u tingħatalhom kopja tal-Bibbja.

Isir Kwiżż lit-tfal tad-duttrina fuq l-Iskrittura Mqaddsa.

Jibdew isiru laqgħat ta' katekeżi mal-gruppi tal-armar, tal-banda, marbutin mal-festa titulari. Isiru laqgħat ta' katekeżi għal dawk in-nies li huma attivi fit-tindif, is-sagristana, dawk li jqassmu l-bullettini u dawk li mhumiex parti minn mixja oħra ta' fidi.

Proposti Pastorali oħra:

1. Titwaqqaf mill-ġdid il-Websajt tad-Djoċesi, strument importanti fix-xandir tal-Kelma fi żminijietna.
2. Suġġeriment lis-saċerdoti biex jagħtu importanza lill-Kelma fis-Sagrament tal-Qrar, kemm fiċ-ċelebrazzjoni tiegħu u kemm bħala tewba.

U BEDA JFISSRILHOM L-ISKRITTURA

Luqa 24:27

Proposta Pastorali Djoċesana u Parrokkjali 2022-2023

1 Żmien ta' tħejjija u sejħa għas-smigħ tal-Kelma

OTTUBRU - NOVEMBRU 2022

2 ta' Ottubru: Ittra Pastorali *"U beda jfissrilhom l-Iskrittura"*, li tiftaħ is-Sena u tippreżenta l-Pjan Pastorali.

Fil-parroċċi ssir is-sejħa għal-laqgħat tal-katekiżmu għall-Qrar, l-Ewkaristija u l-Konfirmazzjoni. Isir is-seminar ta' nofstanhar u jibdew il-laqgħat tal-ġenituri ta' dawk li ser jirċievu s-Sagramenti tal-Qrar, l-Ewkaristija (l-Ewwel Tqarbina) u l-Konfirmazzjoni. Jibdew il-laqgħat ta' tħejjija għas-Sagrament tal-Magħmudija. Isiru l-laqgħat tal-għarajjes (diġà mibdija f'Settembru), tal-adolexxenti u taż-żgħażagħ. Jibdew il-mixjiet tal-fidi tal-adulti. Jibdew il-laqgħat tal-għaqdiet, tal-Lectio Divina u tal-komunitajiet.

Matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru jistgħu jsiru quddiesa jew rużarju f'enfasi fuq il-Kelma ta' Alla, fid-djar tal-anzjani jew tal-morda li ma joħorġux.

9 ta' Ottubru: Issir ċelebrazzjoni madwar il-post liturġiku tal-Ambone. Ikun imżejjen kif jixraqlu bil-ward jew b'sinjal ta' qima quddiemu. Jista' jsir powerpoint li jiġi muri f'kull quddiesa.

5 u 12 ta' Ottubru: fil-5.30pm fiċ-Ċentru Pastorali Raħaj it-Tajjeb: Isiru żewġ laqgħat ta' formazzjoni għall-Katekisti tat-tfal li qed iħejju ruħhom għas-Sagramenti tal-Qrar, l-Ewkaristija u l-Konfirmazzjoni.

Il-Kappillan/Arċipriet, jew saċerdot ieħor minfloku, isegwi l-katekisti tat-tfal li ser jirċievu s-Sagramenti tal-Qrar, l-Ewkaristija u l-Konfirmazzjoni, billi jiltaqa' magħhom almenu darba fix-xahar. Hekk jgħinhom fil-preparazzjoni u fid-diffikultajiet li jista' jkollhom.

Fejn hemm bżonn, għandhom jiġu mġedda l-ambjenti tal-katekiżmu u tal-laqgħat. Jinxtara t-tagħmir meħtieġ bħalma huma laptops, monitors, photocopiers, siġġijiet, u mwejjed dekoruż.

17–20 ta' Novembru: Fl-okkażjoni tas-Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu, isiru Ċelebrazzjonijiet tal-Kelma ta' Alla mat-tfal, mal-adolexxenti, iż-żgħażagħ u l-adulti. Mistednin għalihom il-parroċċi kollha u l-membri kollha tal-gruppi parrokkjali.



2 Żmien ta' stennija u talba biex nilqgħu l-Kelma

DIĊEMBRU 2022

27 ta' Novembru: Mill-ewwel Ħadd tal-Avvent tibda ssir il-Lectio Divina fis-Santwarju Ta' Pinu (parroċċi) mill-grupp tal-Biblisti. Il-Lectio Divina tibqa' ssir sas-Solennità ta' Pentekoste. Fil-Ħdud tal-Avvent tingħata importanza lill-Kelma: Nishru biex nisimgħu l-Kelma; Inħallu l-Kelma tibdilna; Il-Kelma timliena bil-ferħ; Inqimu l-Kelma li ġejja.

Jerġa' jitqassam f'kull dar il-ktejjeb b'meditazzjonijiet dwar il-Kelma ta' kull jum tal-Avvent.

28 ta' Novembru: Tibda u tibqa' ssir riflessjoni qasira ta' madwar 3 minuti f'kull quddiesa dwar il-Qari tal-ġranet ferjali.

15–23 ta' Diċembru: Novena tal-Milied bit-tema dwar kif il-Kelma tista' ssir laħam fl-esperjenza tal-ħajja tagħna.

Fit-tiżjin tat-twieqi u tad-djar, il-Bambin tal-Milied jista' jitqiegħed mistrieħ fuq l-Iskrittura.

3 Żmien ta' akkoljenza u kontemplazzjoni tal-Kelma

DIĊEMBRU - FRAR 2022 2023

Jixraq li fil-knejjes il-Bambin jitpoġġa fuq l-Iskrittura Mqaddsa jew ħdejn l-Ambone: *"U l-Kelma ta' Alla saret bniedem"* (Ġw 1:14).

24 ta' Diċembru: Is-suġġett tal-Prietka tradizzjonali tat-Tfajjel ikun il-Kelma ta' Alla.

11–21 ta' Jannar: Pellegrinaġġ u rtir tas-saċerdoti fl-Art Imqaddsa.

7 ta' Jannar: Waqt Ċelebrazzjoni tal-Kelma tingħata l-Bibbja lil dawk kollha li qed jagħmlu l-Mixja Katekumenali ta' Tħejjija għaż-Żwieġ.

22 ta' Jannar: Ħadd il-Kelma. Issir l-Intronizzazzjoni tal-Kelma fil-parroċċi. Tista' titqassam il-Bibbja lil diversi membri tal-gruppi parrokkjali.

Matul din il-ġimgħa jitqassam il-Vanġelu skont San Mattew, imqassam b'tali mod li tista' tinqara silta kuljum, lill-familji kollha tad-Djoċesi.

Isir kors dwar l-Iskrittura mill-Istitut tal-Ministeru Pastorali.

10 ta' Frar: Solennità tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl – Jum il-Magħmudija ta' Malta. Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija tal-ġenituri li għandhom it-tfal għas-Sagramenti tal-Qrar, l-Ewkaristija u l-Konfirmazzjoni.

Bidu tal-Mixjiet 10K u 7S għaż-żgħażagħ u għall-koppji żgħar.

13–18 ta' Frar: Isir kors ta' formazzjoni u aġġornament għal-Letturi.

